MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1176/2001/1

Antonella **AQUILINA**

vs

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Ġunju, 2001, li bih l-attriċi ippremettiet:

Illi l-attriċi għandha tarbija, li twieldet fis-17 t'April 2001 bl-isem ta' Xylon Aquilina, liema tarbija tinsab fil-kura u l-kustodja tal-attriċi; u
Illi bi zvista din it-tarbija tniżżlet bħala "Xylon" fiċ-ċertifikat tat-twelid, meta fil-fatt l-attriċi riedet li isem it-tarbija jitniżżel bħala "Fredrick", u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u

Illi għalhekk fl-Att ta-Twelid tal-minuri li jġib in-numru tal-iskrizzjoni wieħed sitta sitta tlieta tas sena elfejn u wieħed (1663/2001) l-isem tal-minuri huwa erronjement indikat bħala “Xylon” meta fil-fatt l-attriċi riedet li jitniżżel l-isem “Fredrick”;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara li isem il-minuri huwa “Fredrick” u mhux “Xylon”;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri hawn esebit bħala Dok. A, fis-sens illi fil-kolonna “Ismijiet mogħtijin” jitneħħa il-kliem “Xylon” u jiġu sostitwiti bl-isem “Fredrick”, u fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa” tiġi mneħħija l-kelma “Xylon” u tiġi sostitwita bl-isem “Fredrick”;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtiega fid-Dokumenti pubbliċi fejn jidher isem il-minuri fis-sens illi kull fejn isem il-minuri huwa indikat bħala “Xylon” jidħol minflok l-isem “Fredrick”;

Il-konvenut nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-12 t’Ottubru, 2001, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fiċ-ċitazzjoni odjerna;

2. Illi sabiex jintlaqgħu it-talbiet attriċi għandha tinġieb prova konkreta li t-tarbija hija konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem ta’ Fredrick kif jirrikjedi l-Artikolu 253(2) tal- Kap 16;

3. Illi inoltre għandu jsir id-debitu avviż fil-Gażżetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

4. Illi l-esponent m'għandux jiġi soggett għall-ispejjeż tal-kawża odjerna stante li fl-att tat-twelid in kwistjoni huwa rreġistra l-isem "Xylon" kif dikjarat mill-attriċi u li għalih iffirmat hi stess;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2001;

Rat l-Avviż maħruġ fil-Gażżetta tal-Gvern għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[1], u qieset li ħadd ma ressaq xi oppożizzjoni għat-talba magħmula mill-attriċi fiż-żmien mogħti mil-liġi;

Rat id-Degriet tagħha tas-17 t'April, 2002;

Rat l-atti kollha tal-kawża, fosthom ix-xhieda bl-affidavit tal-attriċi[2] nnifisha u ta' Alfred Feliċe[3] u ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fit-12 ta' Ġunju, 2002, li biha iddikjara li m'għandux provi x'iressaq;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża fejn qegħda tintalab tiswija f'Att ta' Twelid ta' persuna billi l-isem mogħti lilha jiġi mibdul;

---

[1] Pa[. 19 tal-pro`ess
[2] Pa[. 22 tal-pro`ess
[3] Pa[. 23 tal-pro`ess

Illi għal din l-azzjoni d-Direttur imħarrek laqa’ billi qal, fost l-oħrajn, li huwa meħtieġ li jintwera li l-minuri konsistentement huwa magħruf bl-isem li l-attriċi ommu qegħda titlob li jkun uffiċjalment magħruf fl-Att tat-Twelid tiegħu, u li hu m’għandu jbati l-ebda spejjeż għaliex l-għażla tal-isem u d-dikjarazzjoni tal-fatti mniżżla fl-Att tat-Twelid tal-minuri saru mill-attriċi minn jeddha;

Illi t-talba tal-atturi hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili, li jippermetti li ssir talba għall-bdil tal-isem mogħti lil tarbija u tal-isem li bih għandha tissejjaħ fejn persuna tkun konsistentement magħrufa b’isem li huwa differenti minn dak li jkun imgħatalha fl-Att tat-Twelid. Sabiex talba bħal din isseħħ, il-leġislatur ma riedx li jintwera li jkun sar żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew li kien hemm xi nuqqas ta’ ftehim bejn min mar jirreġistra t-twelid u min ikun niżżel it-tagħrif: huwa biżżejjed li jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li l-persuna kienet, għal ċertu tul ta’ żmien, magħrufa b’mod konsistenti minn kulħadd bl-isem li qiegħed jintalab li jidħol minflok l-isem mogħti;
Illi, skond ma jixhed l-Att tat-Twelid tal-attur, id-dikjarazzjoni tat-twelid saret mill-omm innifisha, l-attriċi preżenti;

Illi wieħed irid iqis li l-azzjoni nbdiet ftit aktar minn xahar wara t-twelid tat-tarbija, u għalhekk, għall-vot tal-liġi, wieħed ma jistenniex li jistgħu jinġabu ‘l quddiem wisq provi dwar kemm dik it-tarbija “kienet konsistentement imsejħa” bl-isem li issa l-attriċi trid li jidher bħala isimha tassew fl-Att tat-Twelid tagħha;

Illi dawn l-osservazzjonijiet qegħdin isiru għaliex is-suġġett tal-azzjoni huwa tifel taħt l-eta’ li t-talba magħmula f’ismu sejra taffettwalu l-istatus tiegħu għall-bqija ta’ ħajtu;

Illi l-attriċi tistqarr li l-isem muri bħalissa fl-Att tat-Twelid ta’ binha għażlitu fuq deċiżjoni tagħha, mingħajr ma qalet b’dan lil missier it-tarbija, li dak iż-żmien kienet maqtugħa minnu. L-attriċi ma kinitx miżżewġa lil missier it-tarbija meta din twieldet. Wara xi ġimgħat mit-twelid, l-attriċi

tgħid li hi u missier it-tarbija reġgħu rranġaw bejniethom u qegħdin jgħixu flimkien. Jidher li qiegħed jisgħob biha mill-għażla ta' isem li tat lil binha, u tgħid li kemm missier it-tarbija u kif ukoll qrabathom kollha jsejħu lit-tarbija bl-isem ta' "Fredrick" u mhux bl-isem mogħti fuq l-Att tat-Twelid. L-għażla tal-isem "Fredrick" saret wara xi diskussjonijiet li saru bejnha u Alfred Feliċe. Żiedet tgħid li lit-tarbija m'għammdithiex sakemm jintemmu dawn il-proċeduri, sabiex ma jkunx hemm taħwid 'il quddiem dwar l-identita' tiegħu vera;

Illi l-verżjoni tal-omm tinsab replikata minn Alfred Feliċe, li jgħid li hu l-missier naturali tat-tarbija;

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Ċivili hija maħsuba mil-liġi kemm għall-benefiċċju tal-persuna konċernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-leġislatur ried li l-Qorti tqis talbet għall-bidla jew annotazzjonijiet f'atti bħal dawn;

Illi, fil-każ preżenti, l-Qorti tqis li t-talba attriċi hija maħsuba biex isem it-tifel ikun jaqbel ma' dak li bih huwa jissejjaħ minn dawk li llum il-ġurnata jafuh. Ma jidher li hemm l-ebda interess ta' terz li jista' jintlaqat ħażin mit-talba magħmula mill-attriċi *nomine*, u, fi kwalunkwe każ, kien hemm żmien biżżejjed biex min kellu interess li jieqaf għat t-talba tagħhom jagħmel dan fiż-żmien mogħti mil-liġi;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek ma opponiex għat-talba;

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li t-talba attriċi jistħoqqilha tiġi milqugħa, għalkemm għandu jiġi ċċarat li ma jista' bl-ebda mod jingħad li l-bidla mitluba mill-attriċi *nomine* hija l-frott ta' żball li jaħti għalih l-imħarrek. Il-provi juru kollha li l-omm riedet tagħti lil binha l-isem muri fl-Att tat-Twelid, imma kien biss wara xi żmien li ntebħet jew qieset li l-isem magħżul kien jista' joħloq xi diffikultajiet lil binha;

Għalhekk, il-Qorti qegħda tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici**, u tiddikjara li l-minuri m'għandux isofri l-ebda inkonvenjent bejn dak li huwa

magħruf bih bħala isem u dak li huwa uffiċjalment magħruf bih fl-Atti ta’ Stat Ċivili, u li għalhekk għandu jissejjaħ “Fredrick” u mhux “Xylon”;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** billi tiddikjara li l-Att tat-Twelid numru 1663 tal-2001 għandu jiġi mibdul fis-sens illi, taħt l-intestatura “*Ismijiet mogħtijin*”, u kif ukoll taħt l-intestatura “*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*” isem it-tarbija għandu jkun “Fredrick” u mhux “Xylon”, kif jidher attwalment;

**Tordna**, għall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili, li l-imħarrek jiġi notifikat b’kopja vera ta’ din is-sentenza u li, fiż-żmien imsemmi minn dak l-artikolu, hu jagħmel it-tibdiliet meħtieġa fl-Att tat-Twelid tal-attur *proprio*; u

Billi ma ntweriex li l-imħarrek jaħti għall-bidla indikata, qegħda **tilqa’ r-raba’ eċċezzjoni tal-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku** u tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi *nomine*.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 t’Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 t’Ottubru, 2002**